MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 118/1996/2

**Jude Thaddeus sive Teddy u Josephine konjugi Cachia**

**v.**

**Francis u Rita konjugi Grech**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali fis-27 ta' Lulju 2004. L-appellanti Francis u Rita konjugi Grech qeghdin jitolbu t-thassir u r-revoka ta' dik is-sentenza billi filwaqt illi jigu milqugha l-eccezzjonijiet taghhom, jigu michuda t-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi.

**2.** Permezz ta' att ta' citazzjoni pprezentat fit-3 ta' Mejju 1996, quddiem l-imsemmija Qorti fil-gzira ta' Ghawdex, l-appellati, allura atturi, qalu u talbu hekk:

**"Peress illi l-attur fuq inkarigu tal-istess konvenut Francis Grech esegwixxa xoghol ta' gherik ta' madum u xoghol iehor affini liema xoghol gie esegwit fil-Merit factory, li tinsab fiz-zona industrjali tax-Xewkija, Ghawdex;**

**"Peress illi l-atturi ghandhom jiehdu l-ammont ta' erbat elef tlett mija u hames liri u sittin centezmu (Lm 4,305.60c0m), prezz ta' tlett elef, hames mija u tmienja u tmenin (3588) metri madum mahduma bir-rata miftiehma ta' lira u ghoxrin centezmu (Lm 1.20) eskluza t-taxxa fuq il-valur mizjud;**

**"Peress illi l-konvenuti nonostante li gew interpellati diversi drabi anke permezz ta' ittra ufficjali datata 19 ta' April 1996, dawna baqghu inadempjenti;**

**"Ighidu l-istess konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-**

**"1. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi l-ammont ta' erbat' elef tlett mija u hames liri u sittin centezmu (Lm 4,305.60c0m), kif inghad hawn fuq, kif ukoll is-somma ta' sitt mija hamsa u erbghin lira u erbgha u tmenin centezmu (Lm 645.84) taxxa tal-valur mizjud fuq l-ammont ta' erbat elef tlett mija u hames liri u sittin centezmu (Lm 4,305.60c), jew altrimenti somma ohra verjuri li tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti bhala dovuta lill-atturi inkluz ukoll it-**

**taxxa bil-valur hekk mizjud fuq l-ammont hekk likwidat;**

**"Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 19 ta' April 1996, u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharrka.**

**"Bl-imghaxijiet skond il-ligi."**

**3.** Permezz ta' nota presentata fit-22 ta' Mejju 1996, l-konvenuti eccipew:

**"1. Illi l-konvenuti taw lill-atturi sub-appalt limitatament ghal xoghol ta' *polish* ta' madum.**
**"2. Illi huma qeghdin jikkontestaw it-talbiet attrici sew fir-rigward tal-kejl tal-art oggett tal-appalt u kif ukoll dwar ir-rata ta' hlas. Infatti l-kejl tal-madum li gie *polished* huwa ta' tlett elef metru kwadru (3000m.k.) u r-rata ta' hlas miftiehem kien ta' sebghin centezmu (Lm0.70c) kull metru kwadru inkluza il-Value Added Tax.**
**"3. Il-konvenuti kienu u ghadhom disposti jhallsu a bazi ta' dawn il-figuri u daqstant din il-kawza hija wkoll intempestiva.**
**"4. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju l-imghax ma hux dovut.**
**"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."**

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

**4.** Permezz ta' sentenza moghtija, kif inghad, fis-27 ta' Lulju 2004, l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, filwaqt illi laqghet limitatament t-talba tal-atturi fis-sens illi llikwidat s-somma dovuta lil attur mill-konvenuti fl-ammont ta' erbat elef tlett mija tmienja u erbghin lira u tmenin centezmu (Lm4348.80), inkluza fiha t-taxxa tal-Valur Mizjud u kkundannat lill-konvenuti jhallsu lill-attur din is-somma bl-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sal-effettiv pagament. Kwantu ghall-ispejjez dik il-Qorti ordnat li tlieta minn kull erba' parti (3/4) jithallsu mill-konvenuti, u r-rimanenti kwart mill-atturi. Dik il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li kkunsidrat is-segwenti:

“Illi qabel ma titratta l-meritu tal-vertenza l-Qorti jidrilha li ghandha taghmel xi osservazzjonijiet naxxenti minn xi verbali li gew registrati u dana anka sabiex tispjega l-operat taghha a skans ta’ kull ekwivoku. Referenza partikolari qeghdha ghal dan il-fini ssir ghal folio 60 ‘il quddiem. Ghar-rigward dak verbalizzat folio 60 jirrizulta li l-attur kien iddikjara li ma kienx fadallu provi aktar u effettivament fl-udjenza ta’ wara, precizament dik tad-19 ta’ Jannar 1999, xehed il-konvenut li ukoll ghamel xi kjarifiki fl-udjenza sussegwenti ossia dik tat-23 ta’ Marzu 1999 fejn ukoll gie verbalizzat li l-konvenut kien ghad fadallu bhala provi xi ufficjali tal-Korporazzjoni ghall-Izvilupp (MDC) jew li jipproduci dokumentazzjoni taghha dwar il-qisien tal-fabbriki fejn sar ix-xoghol “sabiex ikun jista jigi verifikat ahjar l-ammonti dovuti lill-atturi”. Li l-ebda progress ma jidher li gie registrat sa kwazi sentejn wara meta l-kawza giet ghall-ewwel darba a konjizzjoni tal-Qorti kif preseduta u sal-4 ta’ Lulju 2002 il-pozizzjoni baqghet l-istess sakemm fl-udjenza ta’ l-1 ta’ Marzu 2002 kien gie verbalizzat li l-kawza kienet ser tibqa’ ghall-provi kollha tal-attur. Fl-udjenzi li segwew din il-Qorti semghet ghal darbtejn lit-Technical Advisor tal-MDC u l-konvenut in subizzjoni. Fit-13 ta’ Mejju 2003 gie verbalizzat ghal darb’ ohra li l-attur ma kienx fadallu provi “salv li jekk ikun opportun, wara li jinstemghu l-provi tal-konvenuti, jigi nominat perit tekniku sabiex jikkonstata verbalment jekk ix-xoghol in kwistjoni sarx”. Fl-udjenza ta’ wara l-kawza thalliet ghall-5 ta’ Marzu 2004 ghall-provi tal-konvenut u gie allokat ghaliha l-hin mll-11.00am sa nofsinhar. Ghal din l-udjenza l-konvenut ma deherx u lanqas deher l-Avukat tieghu u l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza.

“Issa ghandu jirrizulta car anka prescindendo mill-meritu proprju tal-kawza illi hija ultra matura ghas-sentenza tant li izzid din il-Qorti m’hemm ebda gustifikazzjoni ghaliex il-kawza kellha tiehu kwazi tmien snin biex tasal ghall-final taghha. Mhux biss ix-xhieda tal-ufficjali tal-MDC instemghu izda anka d-dokumentazzjoni relattiva, konsistenti fil-Bill of Quantities, kienet gja esebita kif jidher fol 42 et seq tal-process. M’hemm lanqas l-icken dubbju

li x-xoghol sar konsistenti principalment f'thallib u ghorik tal-madum.

“Ikkunsidrat:

“Illi ghal dak li huwa l-meritu si tratta hawn ta' kawza fejn l-attur qieghed jitlob li jithallas tax-xoghol minnu esegwit fuq inkarigu tal-konvenut li da parti tieghu kien ha appalt ta' xoghlijiet aktar estensivi mill-MDC. Ix-xoghol li jinteressa din il-kawza hu ristrett ghax-xoghol fuq il-madum tal-fabbrika maghrufa bl-ittra “A” fiz-zona industrijali tax-Xewkija u liema sub-appalt kien jikkonsisti f'xoghol ta' thallib u ghorik tal-art tal-fabbrika. Jinghad hawnhekk ghall-kompletezza illi kien hemm fl-istess sub-appalt xoghol iehor tal-istess ghamla f'fabbrika ohra fil-vicinanzi li kien jinvolvi pero` madum li kien ghadu li tpogga. Fil-kuntest ta' dawn ix-xoghlijiet m'hemmx kontestazzjoni, ghal ta' l-inqas il-provi juru, li dwar l-ahhar sub-appalt ix-xoghol kien aktar gravuz trattandosi ta' madum gdid mentri ghal dak li jirrigwarda din il-kawza l-attur kellu, apparti l-ghorik, inehhi xi viti li kienu mwahhla fl-art u kwindi ikahhal it-toqob.

“Intant m'hemmx l-icken dubbju li l-attur esegwixxa x-xoghol anke a sodisfazzjon tal-MDC li kienet iccertifikat mhux biss dan ix-xoghol izda x-xoghol kollu li kien inkarigat bih l-konvenut. Il-vertenza ghalhekk mhix dwar il-kwalita` tax-xoghol u fil-verita` mkien il-konvenut ma lmenta dwar dan. Il-vertenza, kif jirrizulta wisq car mill-atti processwali, tirrivolvi ‘sic et simpliciter’ fuq zewg fatturi: wahda l-arja ossija l-kejl tal-art li giet ‘polished'; l-ohra l-prezz ghal kull metru kwadru li kellu jithallas l-attur.

“Illi dwar l-kejl hemm, fil-fehma ta' din il-Qorti, prova inkonfutabbli, irrispettivament minn dak li jsostnu l-kontendenti, li tiskaturixxi kemm mid-dokument folio 43, kemm mill-paragrafu 36 tal-Bill of Quantities, u kemm mix-xhieda tal-addetti tal-MDC, li tistabilixxi l-arja in kwistjoni b'kejl ta' 3624 metri kwadri.

“Illi dwar il-kwistjoni l-ohra tar-rata tal-hlas il-kontendenti jsostnu diversament billi l-attur jghid li din ir-rata kienet

mifthema bil-prezz ta' lira u ghoxrin centezmu (Lm1.20) il-metru kwadru eskluz il-VAT mentri l-konvenut jsostni fuq sebghin (70) centezmu l-metru kwadru inkluz VAT. Differenza sostanzjali fuq il-kejl kif imkejjel u ccertifikat mill-MDC ta' elf tmien mija u tnax-il lira Maltin (Lm1812) minghajr VAT. Issa jirrizulta li bejn il-kontendenti ma kienx hemm ftehim bil-miktub, pero`, u fuq il-bazi ta' l-aktar probabbli u l-aktar verosimili, l-Qorti fuq r-ragunijiet li ser telenka aktar 'il isfel, hi tal-fehma li l-prezz patwit bejn il-kontendenti kien ta' Lm1.20 il-metru kwadru inkluz fil-prezz il-VAT. Dana qeghdha ssostnieh minhabba:

"(1) li l-prezz accettat mill-konvenut u lilu mhallas mill-MDC kien ta' Lm1.73 il-metru kwadru inkluz VAT. Dan hu riportat fil-paragrafu 36 tal-Bill of Quantities li pprezenta huwa stess u imkien kontradett;

"(2) li x-xoghol li esegwixxa l-attur jidher li kien proprju dak li jiddeskrivi l-istess paragrafu u cioe` "grinding and polishing of existing factory terrazzo floor tiles, including grouting of holes wherever required". Imkien fix-xhieda ma gie muri l-kuntrarju u cioe' li x-xoghol hawn fuq specifikat m'ghamlux l-attur. Lanqas imkien ma jirrizulta li apparti l-attur kien gie mqabbad xi terz biex jaghmel xi xoghol fuq il-madum.

"Dwar l-import tal-VAT mitlub mill-attur il-Qorti gja esprimiet il-fehma taghha fuq il-bazi ta' l-aktar verosimili. Izda anka mill-aspett purament legali tosserva li l-attur, f'kull kaz naqas li jipprova din il-parti tat-talba tieghu billi ma ppruvax li hu effettivament hareg 'tax-invoice' lill-konvenut fi zmien tletin gurnata minn meta espleta x-xoghol u lanqas li hallas din is-somma lid-dipartiment koncernat ai termini tal-Ordinanza li dahhlet din it-taxxa fin-1995. F'kull kaz ghalhekk l-ammont minnu pretiz bhala import ta' VAT mhix sostenibbli.

"Illi tosserva wkoll ai fini tal-kap tal-ispejjez u l-kap tal-imghax li l-konvenut nonostante li ddikjara li kien dispost ihallas almenu a bazi tal-figuri minnu sostnuti li fl-ebda stadju m'ghadda sabiex jiddeposita almenu dak li ma kienx qieghed jikkontesta b'cedola ta' depozitu l-Qorti."

## L-appell ta' l-konvenuti

**5.** B'rikors pprezentat fis-16 ta' Awissu 2004, il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza. L-uniku aggravju tal-appellanti huwa illi, skond huma, mill-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti "irrizulta b'mod car" illi s-sub-appalt mertu ta' din il-kawza li kien jikkonsisti biss fl-"ippolixjar" l-madum tal-Merit Factory kellhu jithallas bir-rata ta' sebghin centezmu (Lm0.70c) l-metru kwadru u mhux bir-rata ta' lira u ghoxrin centezmu (Lm 1.20c) kif thallas ix-xoghol fil-fabbrika M.P. Clothing.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

**6.** Apparti li, bhala regola generali, din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament ossia l-evalwazzjoni tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, mill-ftit provi prodotti anke din il-Qorti hi konvinta bil-kuntrarju ta' dak li qed jipprovaw jghidu l-appellanti. L-appellanti qed jipprovaw jargumentaw li l-prezz ta' Lm1.20 *per square meter* kien gie miftiehem biss ghal dik il-fabbrika fejn kien hemm gherik u lustrar mentri, dejjem, skond Francis Grech[1], fil-fabbrika hekk imsejha "tal-Merit" (meritu tat-talba attrici f'din il-kawza) kellu jsir biss lustrar. Pero` din il-Qorti hi tal-fehma li dan ma hux minnu, ghax proprju anke x-xhud Toni Mercieca jiddeskrivi kif anke fil-fabbrika "tal-Merit" (hu jsejhilha "ta' isfel") kien hemm xoghol ta' gherik u lustrar – u dan apparti l-konsiderazzjonijiet l-ohra validi li accennat ghalihom l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha. Ghalhekk taht ebda aspett ma tista' din il-Qorti tikkunsidra l-aggravju tal-appellanti bhala wiehed fondat. Anzi din il-Qorti hi tal-fehma li dana l-appell huwa wiehed fieragh u vessatorju.

## Decide

**7.** Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; u peress li dana l-appell huwa wkoll wiehed fieragh u vessatorju fit-termini tal-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12, tikkundanna lill-appellanti jhallsu lill-appellati l-ispejjez ghal darbtejn.

[1] Ara d-deposiz zjoni ta' Francis Grech kemm a fol. 51 *et seq.* kif ukoll a fol. 87 *et seq.*

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------